MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 595/2012

**Appell Nru: 595/2012 MM**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Guzeppi Zahra**

Illum 28 ta’ Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellant Guzeppi Zahra, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 689859M akkuzat talli:

Fl-10 ta’ Jannar, 2005, ghal habta tas-7.15pm fil-Furjana:

1. Volontarjament kiser il-paci pubblika u il-bon ordni b'ghajjat u glied;
2. Qal fil-pubbliku kliem indecenti w oxxen liema kliem kien jikkonsisti f'dagha;
3. Bi kliem insulenta, hedded jew ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' John Caruana, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
4. Hebb ghal John Caruana biex jingurjah, idejqu jew jghamillu hsara.
5. Hebb ghal John Caruana u kkagunalu feriti gravi skond kif iccertifika Dr. S.B. Das MD u Dr. Lawrence Fenech MD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mghotija fil-11 ta' Dicembru, 2012 fejn il-Qorti sabet htija ai termini ta' l-artikoli 338, 339, 95 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu anke wara li rat l-artikolu 17 tal-istess Kap ghal piena karcerarja ta' sitt xhur effettiva.

Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, u tobbliga lil Guzeppi Zahra ghal zmien sena (1) millum milli jdejjaq jew jivvessa lil John Caruana taht obbligazzjoni tieghu nnifsu, u dan ghall-ammont ta' €500**.**

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Guzeppi Zahra pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Dicembru, 2012 fejn talab lil din il-qorti:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata moghtija fil-11 ta' Dicembru, 2012 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u b' hekk l-esponent jigi ddikjarat hieles minn kwalunkwe imputazzjoni u piena.
2. Subordinatament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l-esponent jitlob li f'kaz ta' konferma ta' htija

din l-Onorabbli Qorti joghgobha tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef u aktar adattat lill-esponent konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz u okkorrendo billi tnehhilu l-piena karcerarja.

Rat l-aggravji tal-appellant Guzeppi Zahra:

L-ewwel aggravju jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma messha sabet lill-esponenti hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih. L-incident ma garax fil-Furjana kif imputat izda gara' l-Belt Valletta. Huwa risaput illi l-venda tal-karozzi tal-linja hija sitwata l-Belt Valletta u mhux il-Furjana. Fil-fatt din il-venda hija wkoll komunament maghrufa bhala "Valletta Bus Terminus". Ghalhekk l-imputazzjonijiet kontra l-esponent ma jirrizultawx kif dedotti (Ara "Il-Puliizja –vs- Francesco sive Godwin Scerri" (Appell Kriminali 18 ta' April, 2012 – per Imhallef Dr. David Scicluna).

It-tieni aggravju, li qed jitressaq subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, jirrigwarda l-piena inflitta ta' sitt (6) xhur habs effettivi li hija wisq eccessiva meta tqis ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz fosthom illi:

(i) Kien hemm certa element ta' provokazzjoni da parti ta' John Caruana li fid-dover li jitratta lill-esponent b'certa umanita' fl-assenjazzjoni tad-doveri tieghu bhala xufier fuq ir-rotta tal-lingja. John Caruana bhala despatcher ma kellux ibiddel ir-rotta tal-linja u jaghtih wahda li ma kienitx tieghu minghjr ma almenu jghatih id-debita spjegazzjoni l-ghaliex kien qed jghamel dan. U noltre ma kellux ghalfjen jirraputah ghax ipprotesta dwar dan il-fatt.
(ii) Il-kaz gie minfuh izzejjed tant anki l-Ewwel Qorti skantat kif din il-kawza spiccat telghet skala.
(iii) Il-griehi li rrizultaw ma kienux ta' natura gravi izda ta' natura hafifa. It-tobba li ezaminaw lil John Caruana xehdu wkoll li dan gia' kellu past history ta' muscular skeleton shoulder pain.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa bus driver fuq ir-rotta tal-linja fil-waqt li John Caruana l-parti leza huwa dispatcher. Fl-10 ta' Jannar, 2005 ghall-habta ta' 7:15pm kien hemm argument bejn l-appellant u John Caruana peress li l-appellant ried sodisfazzjoni 'l ghala Caruana kien biddillu r-rotta u tah ohra. U ried ikun jaf ukoll ghaliex Caruana mar jirraportah talli kien ipprotesta dwar dan. Caruana jghid illi sema' lill-appellant gej minn warajh joffendih u jkellmu hazin, tant li xehed illi qajjimlu n-nies tal-familja mill-qabar. Qal li tah daqqa bil-pouch go wiccu u go rasu u bis-sieq go l-ghadam tal-warrani, zied illi gibdu mill-gakketta u weggalu jdejh, li tah daqqa u l-ewwel tefghu go staffa tal-karozza tal-linja, tah daqqa ta' sieq, habbatlu rasu u anke hariglu d-demm. Mar jistahba wara l-karozza tal-linja pero' l-appellant kompla jaghtih go l-istonku tieghu. L-appellant xehed ukoll illi kellu xi jghid ma Caruana ghax kien tah rotta tal-linja li ma kienetx tieghu, ghax irrifjuta li jaghmel dak il-vjagg Caruana rraportah, ghalhekk hu mar jigri warajh qal li zammu ghax hasbu li se jaqbad jaghtih pero' ammetta illi mbuttah u skont l-appellant Caruana, harablu.

B'Sentenza moghtija fil-11 ta' Dicembru, 2012 (fol 171) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal 6 xhur habs effettivi oltre l-provedimenti ta' l-Artiklu 383 tal-Kap 9. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell, principalment ghaliex skont hu, l-imputazzjonijiet kif dedotti ma jirrizultawx. Argumenta illi l-incident gara fil-Bus Terminus tal-Belt Valletta u mhux il-Furjana, terga lmenta wkoll dwar il-piena li dehrlu li kienet eccessiva wisq il ghaliex kellu xi jghid mad-dispatcher tieghu u kullma ghamel kien illi kkawza ferita hafifa. Kien id-dispatcher illi pprovoka lill-appellant u l-appellant irritalja.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ma jidhriliex illi l-appellant ghandu ragun fl-argumenti tieghu, l-ewwel Qorti diga dahlet f'din il-kwistjoni tal-post fejn gara l-incident fejn spjegat illi l-Bus

Terminus qieghed faccata tal-Funtana tat-Tritonji allura qieghed fil-Furjana u ghalhekk l-akkuza hija korretta. Din il-Qorti wkoll taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijit "Il-Pulizija kontra Benny Zaffareze" et tat-13 ta' Jannar, 1995 fejn din il-Qorti qalet *"L-Artiklu 360 (2) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharka, izda ma tispecifikax x'dettalji ghandhom jinghataw. Jekk xi dettalji jithalew barra dan bl-ebda mod ma ggib in-nullita tac-citazzjoni. Anki jekk xi dettalji jkunu zbaljati, jekk il-persuna ndikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioe' li sservi "***avvizo a comparire***", tkun giet ezawrita."* Din il-Qorti ma jidhriliex li fi kwalunkwe kaz, sar xi zball fic-citazzjoni, l-appellant jaf sew ghalxiex qed tirreferi l-imputazzjoni u jekk l-incident garax il-Belt jew fil-Furjana jew fil-konfini ta' bejniethom ma taghmilx differenza, l-importanti illi l-appellant deher il-Qorti u kkontesta l-kawza jekk deherlu li kellu jaghmel hekk bl-assistenza ta' avukat, ghalhekk din il-Qorti tichad dan l-ewwel agravju ta' l-appellant.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena, din il-Qorti jidhrilha illi l-appellant infexx f'agressjoni u vjolenza mhux gustifikata fil-konfront ta' Caruana, dan ta' l-ahhar ma ghamel xejn hlief baghat lill-appellant fuq rotta illi deherlu li kellu jibghat fil-kompitu tieghu ta' dispatcher. Kien l-appellant li rritalja u rribella ghax ma riedx jaghmel dik ir-rotta. Gustament Caruana rraporta lill-appellant li mbaghad hass illi kellu jiehu sodisfazzjon talli Caruana ghamel xogholu u nfexx f'din il-vjolenza u agressjoni kontra Caruana. Taht l-ebda cirkostanza ma din il-Qorti tista tikkonsidra illi l-agir ta' Caruana kien xi forma ta' provokazzjoni kontra l-appellant. Caruana kien qed jaghmel id-dover tieghu skont il-Ligi u skont l-obligazzjonijiet illi kellu, l-ordni ta' Caruana kienet gusta u legali u kien l-appellant fl-illegalita meta rreagixxa u uza vjolanza kontra Caruana.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet liberament u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk

jirrizulta illi piena tkun fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi setghet kient mod iehor. Ma hemmx dubju illi l-piena errogata mill-Ewwel Qorti qieghda fil-parameetri tal-Ligi u ghalhekk timmerita illi tkun konfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------